MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 102/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**
**Vs**
**Joseph Falzon**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 t'Awissu, 2003 ghall-habta tas-2.20 hrs fir-Rabat u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer bhala sid tal-imsemmija vettura;**
**1) naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-trasport ta' Malta (licenzja mhux imgedda);**
**2) ippermetta lil Roderick Borg isuq vettura nru. EAP-028 minghajr licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta'**

**Malta, jew minghajr licenzja specifiata biex isuq l-imsemmija vettura;**
**3) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**4) kif ukoll ippermetta lill-istess persuna jsuq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);**
**5) u li l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli MVR 18 (4) (6), Sec. (1)(b)(3), tal-Kapitolu 65 u Sec. 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu minn kull imputazzjoni w htija.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 t'April, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li l-appellat ma setax legalment jistab hati w naqset li tikkonsidra l-fattur determinanti li "ex admissis" l-appellat f' ghajnejn il-ligi , bhala sid registrat tal-vettura in kwistjoni , baqa' responsabbli ghal kull aspett , cirkostanza w nuqqas iehor attinenti ghall-imsemmija vettura , inkluz konsegwentement , l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tieghu ; illi l-apprezament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kien wiehed irragonevoli w grossolan ghax il-fatti kienu nkontestati w ammessi mill-appellat u bihom kien hemm l-elementi kollha mehtiega sabiex l–Ewwel Qorti ma kellha ebda ghazla ohra

quddiemha hlief li ssibu w tiddikjarah hati tar-reati addebitati lilu. Li l-fatt li l-appellat seta’ wissa lil Roderick Borg sabiex ma jsuqx l-imsemmija vettura sakemm ma jkunx debitament kopert bil-licenzji w polzi tas-sigurta’ kollha mehtiega skond il-ligi  xejn ma kien jezonera lill-appellat skond il-ligi mir-responsabiltajiet kollha tieghu bhala sid registrat tal-istess vettura .

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-provi mismugha quddiem din il-Qorti rrizulta b’mod inkontestat li l-appellat kellu il-vettura EAP 028 registrata f’ismu . Fit-12 t’ Awwissu, 2003 kien pero’ ftiehem li biegh l-istess car lil certu Roderick Borg u anki ffirmalu t-Transfer Form li kellu hsieb li johodha il-Licencing Office dan Borg . Il-car ma kienetx koperta b’insurance u licenzja  dak in-nhar u skond ix-xhieda tal-assikurazzjoni din kienet ilha li skadiet mill-31 ta’ Mejju, 2003. B’ dana kollu , l-appellat innifsu kien fil-fatt saq il-car u wassalha hdejn fejn kien joqghod Borg umbaghad Borg saqha bicca zghira go xi moghdija fejn kien joqghod . Hu kien wissa lil Borg biex ma jsuqhiex. Kien anki sussegwentement cempel lil Borg u staqsieh jekk it-transfer kienx sar u dan kien qallu li kien inkariga xi kugin tieghu li kellu jiehu hsieb kollox hu u allura insista ma Borg biex jara li dan il-kugin jaghmel dak li kellu jsir.**

**Gara pero’ li fis-17 t’ Awwissu, 2003, waqt li Borg kien qed isuq il-vettura imsemmija kellu incident awtomobilistiku w, sa dak il-hin, la kien ghadu sar it-transfer u lanqas ma kienet thallset il-licenzja w l-**

**insurance tal-vettura. Borg ma kellux licenzja biex isuq lanqas .**

**Illi ma hemmx dubju li dment li l-vettura kienet ghadha tinsab registrata fuq l-appellat kien hu w hadd aktar li kien responsabbli li jara li din tkun licenzjata w assikurata biex tkun fit-triq. Di fatti l-ligi taghmilha cara li, ghalkemm tati sebghat (7) ijiem sabiex in-*notice of transfer* jigi prezentat fil-*Licencing Office* mill-partijiet li jkunu kkuntrattaw it-trasferiment ta' vettura , sakemm isir tali transfer ir-responsabbilta' tibqa' tal-persuna li fuqu tkun baqghet registrata l-vettura. Ghalhekk hu doveruz u jinkombi fuq min qed ibiegh li jekk irid jehles minn kull responsabbilta', jara li t-*transfer notice* tigi registrata mall-awtorita' ghax b'hekk biss jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta' legali tieghu fir-rigward ta' dak li jista' jigri lil dik il-vettura.**

**Issa f' dan il-kaz l-appellat kien jaf li l-vettura mhux licenzjata u mhux assikurata biex tinsaq fit-triq u cio' nonostante kien "ex admissis" saqha biex hadha sa fejn kien joqghod Roger Borg u ppermettielu li jsuqha 'l gewwa lejn fejn kien joghod minkejja li dan tal-ahhar lanqas biss kellu licenzja tas-sewqan.**

**Illi l-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun meta jghid li f' dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setghetx logikament u legalment tillibera lill-appellat kif ghamlet u l-apprezzament taghha kien zbaljat kompletament .**

**Illi l-fatt li l-appellat kien wissa lil Borg biex ma jsuqx il-vettura – apparti li dwar dan hemm ukoll certu dubju ghax "ex admissis" l-appellat xehed li dak in-nhar stess li hadlu l-vettura , lil Borg xorta ippermettilu li jsuq bicca mit-triq - zghira kemm kienet zghira, hu qatt ma jmissu feda' lil Borg . Kien imissu l-ewwel u qabel kollox hallas il-licenzja w l-insurance hu stess qabel saq il-vettura biex hadha fejn Borg u ma setax jistenna li Borg ma jippruvax isuq meta hu stess kien ghamel l-istess u kiser l-istess ligi biex wassallu l-**

**vettura. Ghalhekk kull twissija , anki jekk saret, ma tiswa' xejn f'ghajnejn il-ligi.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher altru milli fondat u dan iwassal biex is-sentenza appellata ghandha tigi revokata.**

**Ghal dawn il-motivi , Il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w fil-waqt li issib u tiddikjara lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 3(1)(2) u (2A) tal-Kap.104 u l-artikolu 15 (1)(a)(b) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' mitejn u sittin lira Maltin (LM260) li qed tigi ffissata fil-minimu legali taghha possibbli w tordna li l-appellat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------